**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Dicembru, 2016

Rikors Nru : 324/16 AL

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005) (Dok A), u miz-zwieg taghhom nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) twieldet bint wahda, XB;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' sentenza moghtija mill-Onor. Imhallef Abigail Lofaro nhar is-sittax ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (16.12.2015), liema sentenza ma gietx appellata (Dok B);

3. Illi madanakollu kif turi l-annessa sentenza l-proceduri ghall-istess separazzjoni personali kienu ilhom ghaddejjin sa’ mis-sena 2009 u cioe` ‘il fuq minn seba’ snin, u cioe` minn mindu l-intimat gheb fix-xejn u qatt ma rega’ ghamel kuntatt mal-esponenti;

4. Illi m’hemm l-ebda prospett raggonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet ilhom effettivament jghixu hajja separata ghall-iktar minn seba’ snin u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi l-manteniment tal-minuri gie ukoll regolat permezz tas-sentenza hawn annessa, filwaqt li l-ebda manteniment ma hu dovut ghar-rikorrenti jew l-intimat;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Lulju, 2016;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-16 ta' Dicembru 2015, izda ilhom de facto separati mis-sena 2009;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.